MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tad-19 ta' Jannar, 2015

Avviz Numru. 316/2011

**Simone Desira**
**(ID 54670M)**

**vs**

**Joseph Attard**
**(ID 102577M)**

Il-Qorti

Rat ir-rikors promotur ippresentat fl-20 ta' Settembru 2011 fejn ir-rikorrenti talbet lill-Qorti tikkundanna lill-intimat ihallasha is-somma ta' hames elef, mija u sitta u tletin Euro, u hamsa u tmenin centezmu (€5,136.85), bilanc ta' somma akbat, kwantu ghas-somma ta' tlett elef, sitt mija u sittin (€3,660) bhala flus dovuti skond skrittura privata datata 28 ta' Frar 2008 u kwantu ghal-bilanc ta' elf erbgha mija u sitta u sebghin euro u hamsa u tmenin centezmu (€1,476.85) bhala valur ta' oggetti li jikkonsisti f'*chest freezer*, *microwave*, *magimix*, *cutlery* u sett ta' borom. Bl-ispejejz u l-imghax mit 28 ta' Frar 2008.

Rat ir-risposta ta' l-intimat ippresentat fit 2 ta' Dicembru 2011 fejn jiddikjara illi dak mitlub mir-rikorrenti kien infondat fil-fatt u fid-dritt filwaqt illi jishaq li, ghal dak li kellu jirrigwarda l-iskrittura datata 28 ta' Frar 2008, kienu ser jigu intavolati proceduri sabiex jikkontestawha.

Rat illi fis 17 ta' Frar 2012, l-konsulent legali ta' l-intimat iddikjara illi kien intavola kawza dikjaratorja fil-Prim Awla sabiex jattakka l-ftehim datat 28 ta' Frar 2008 u obbliga ruhu illi permezz ta' nota jippresenta d-dettalji ta' dana ir-rikors.

Rat illi tali nota ma ddahhlietx u, wara li gie ppresentat kapitolu fil-konfront tal-konvenut, il-kawza thalliet ghas-sentenza in difett ta' ostakolu.

Rat illi fit 18 ta' Mejju 2012, deher il-konvenut assistit mill-konsulent legali tieghu, u filwaqt illi naqas milli jressaq id-dokument minnu imsemmi, l-kawza thalliet ghal-provi kollha ghat 18 ta' Gunju 2012.

Semghet ix-xhieda ta' l-intimat **Joseph Attard** moghtija fit 22 ta' Ottubru 2012 u rat id-dokumentazzjoni esebita.

Semghet ix-xhieda tar-rikorrenti **Simone Desira** moghtija fl-14 ta' Jannar 2013 u rat id-dokumentazzjoni minnha esebita.

Semghet ix-xhieda ta' **Dr Patrick Valentino**, gia konsulent legali tar-rikorrenti meta gie redatt il-ftehim tat 28 ta' Frar 2008, moghtija fl-10 ta' Mejju 2013.

Semghet ix-xhieda ta' **Dr Kris Busietta**, gia konsulent legali ta' l-intimat meta gie redatt il-ftehim tat-28 ta' Frar 2008, moghtija fit 23 ta' Mejju 2014.

Rat illi fit 23 ta' Mejju 2014, ir-rikorrenti iddikjarat il-provi taghha bhala maghluqa.

Rat illi wara tlett seduti sabeix iressaq il-provi tieghu, l-intimat qatt ma ressaq il-provi tieghu u ghalhekk, fis 27 ta' Ottubru 2014, il-Qorti iddikjarat il-provi intimati bhala maghluqa.

Rat illi fl-4 ta' Dicembru 2014, il-kawza giet differita ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Mill-provi prodotti quddiem dina l-Qorti, jirrizulta illi l-partijiet kellhom relazzjoni bejniethom ghal madwar tmintax-il xahar. Tul il-periodu ta' tali relazzjoni, il-partijiet fethu hanut bejniethom, liema hanut kien qieghed jigi gestit mir-rikorrenti peress illi l-intimat huwa membru tal-Korp tal-Pulizija u ghalhekk huwa prekluz milli jaghmel xoghol iehor.

Jirrizulta illi l-hanut ttiehed gebel u saqaf minghand habib ta' l-intimat u gie irrangat mill-intimat stess bi flus sid l-istess hanut. Sussegwentement, wara li tlesta l-hanut, huma kienu jahdmu bil-qliegh illi tali hanut kien jiggenera.

Bhala parti mill-gestjoni tal-hanut, il-partijiet xtraw vann, liema vann inxtara billi r-rikorrenti bieghet il-vettura personali taghha u uzat il-qliegh ta' tali bejgh bhala depositu ghal vann filwaqt illi l-bilanc kien qieghed jithallas bi pagamenti rateali mill-qliegh tal-hanut.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta illi ir-relazzjoni ta' bejn il-partijiet ma baqghetx aktar viabbli u tterminaw tali relazzjoni, ghalkemm dana wassal ghal hafna glied bejn il-partijiet, liema glied sahansitra wassal sabiex jinbdew proceduri kriminali kontra it-tnejn li huma, liema proceduri eventwalment gew terminati bi ftehim.

Jirrizulta illi, bhal parti mill-ftehim illi kellhom il-partijiet li biha gew solvuti il-proceduri kriminali kontra xulxin, kienet saret skrittura privata bejn il-partijiet fit 28 ta' Frar 2008 fejn dina tghid is-segwenti:

*"Jien hawn taht iffirmat Joseph Attard (ID 102577M) qieghed nikkostiwtixxi ruhi bhala debitur cert, likwidu u dovut a favur ta' Simone Desira (ID 54670M) fl-ammont ta €4,660 li ser jithallsu minghajr imghax permezz ta' pagamenti rateali mensili u ininterrotti ta' €117.*

*F'kaz li jinqabzu zewgt (2) pagamenti, jibda jiddekorri imghax ta' tmienja (8%) fuq l-ammont bilancjali u jitlef il-beneficcju tat-terminu."*

Jirrizulta illi tali ftehim gie iffirmat kemm mir-rikorrenti kif ukoll mill-intimat, u l-firem taghhom gie ikkonfermat bil-firem tal-konsulenti legali rispettivi taghhom, Dr Patrick Valentino u Dr Kris Busietta.

Jirrizulta wkoll illi, wara li giet terminata ir-relazzjoni ta' bejn il-partijiet, it-tmexxija tal-hanut gie terminat ukoll u intradd lura lill-sid il-hanut bl-affarjiet kollha fih. Dwar il-vann, jirrizulta illi l-vettura ittiehdet mir-rikorrenti, peress illi dina kienet f'isimha u, wara illi r-rikorrenti ma kellhiex fondi biex tkompli thallas il-vettura, wasslet fi ftehim ma' minghand min kienet xtrat il-vettura u dana ha lura l-vettura a saldu ta' dak dovut.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta, kemm mix-xhieda tar-rikorrenti u anke ta' l-intimat, illi l-ammont indikat fil-ftehim tat 28 ta' Frar 2008 kien attwalment il-paga illi l-istess rikorrenti kienet imwieghda mill-intimat li ser tithallas u li attwalment qatt ma kienet thallset tul il-gestjoni kollu tal-hanut.

Jirrizulta ukoll illi tali ftehim gie iffirmat miz-zewgt partijiet u l-intimat jikkonferma illi hadd ma gieghlu jiffirma tali dokument, kif del resto ikkonfermaw ukoll l-avukati rispettivi tal-partijiet ta' meta gie ffirmat il-ftehim, tant illi mill-ammont hemm indikat kien ghamel diversi pagamenti rateli fl fit-total taghhom kienu jammontaw ghal elf Euro (€1,000).

Il-Qorti, f'dana l-istadju, ma tistax ma tosserva illi fil-bidu tal-proceduri odjerni, l-intimat kien gharraf lill-Qorti illi kien ser jintavola proceduri sabiex jannulla l-ftehim tat 28 ta' Frar 2008, u dana ghalkemm ghamel tali dikjarazzjoni wara li kien gia ghamel diversi pagamenti fit-total ta' elf Euro, izda jidher li tali proceduri qatt ma gew mibdija attwalment.

**Ikkunsidrat**

Ir-rikorrenti, fit-talba taghha, titlob ghal hlas tal-bilanc dovut fuq il-ftehim kif ukoll titlob ghal hlas ta' diversi appliances li hija tallega halliet fil-hanut meta dana gie ritornat lis-sid u tippresenta ukoll stima ta' tali appliances.

Il-Qorti, madanakollu, ma tistax ma tosservax illi, ghalkemm l-istima hija ta' appliances godda, u certament, la darba l-appliances kienu allegatament qed jintuzaw fil-hanut, il-valur taghhom huwa anqas minn dak indikat fl-istima, r-rikorrenti naqqset milli tipprovdi dokumentazzjoni li juri illi hija attwalment kienet xtrat l-affarjiet illi huma minnha indikati.

Il-Qorti ma tistax ma tirrilevax illi kien jinkombi fuq ir-rikorrenti li tressaq provi sufficjenti biex turi illi hija attwalment kienet xtrat l-oggetti li ghalihom kienet qed tippretendi l-hlas u ma huwiex sufficjenti li wiehed jippresenta 'quotation' bla data biex jipprova li hija kienet attwalment xtrat tali oggetti.

Apparti minn hekk, il-Qorti ma tistax ma tistaqsiex ghaliex, fil-mument illi saret l-iskrittura bejn il-partijiet fit 28 ta' Frar 2008, l-istess rikorrenti, illi kienet qed thedded lill-intimat b'diversi azzjonjiet, fosthom illi tirrapportah lill-Kummissarju tal-Pulizija, ma indikatx il-valur ta' l-appliances illi hija kienet qed tippretendi minghand l-intimat. Lanqas ma sar referenza ghal xi oggetti illi allegatament l-intimat kellu jirritorna lir-rikrorenti.

In vista ta' dan, filwaqt illi dak li jirrizulta miktub huwa dovut, dak li qieghda titlob ulterjorment ir-rikorrenti ma jistax jitqies bhala dovut peress illi ma hemm ebda prova li turi illi hija kienet qatt xtrat tali affarjiet.

Finalment, qabel ma tghaddi ghad-decizjoni finali, il-Qorti tosserva illi jirrizulta, mid-dokumentazzjoni ippresentata mill-istess rikorrenti, li l-ahhar pagament sar fis 6 ta' Jannar 2009, u ghalhekk l-imghax ghandu jibda jiddekorri minn dakinhar illi huwa jonqos zewgt pagamenti, ossija 6 ta' Marzu 2009, u dana skond il-ftehim iffirmat bejn il-partijiet.

**Konkluzjoni**

Il-Qorti,

Wara illi semghet ix-xhieda tal-partijiet u rat id-dokumentazzjoni minnhom ippresentata.

Tghaddi biex taqta u tiddeciedi l-kaz billi

**Tichad** l-eccezzjonijiet kollha ta' l-intimat

**Tilqa** t-talba attrici limitatament ghal dak li jirrigwarda dak dovut mill-intimat skond l-iskrittura tat 28 ta' Frar 2008, u ghalhekk

**Tillikwida** l-ammont dovut mill-intimat lir-rikorrenti fl-ammont ta' tlett elef, sitt mija u sittin euro (€3,660) rappresentanti l-bilanc dovut fuq l-iskrittura privata datata 28 ta' Frar 2008 u

**Tikkundanna** lill-intimat ihallas lir-rikorrenti is-somma ta' tlett elef, sitt mija u sittin euro (€3,660).

L-ispejjez kollha u l-imghax bl-oghla rata kalkolabbli mis-6 ta' Marzu 2009 sad-data tal-pagament effettiv, ikun kollu a kariku ta' l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------